21998D1119(02)

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 23/98

tal-31 ta' Marzu 1998

li temenda l-Anness VI (Sigurtà soċjali) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness VI għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 82/97 ([1]);

Billi d-Deċiżjoni Nru 158 tas-27 ta' Novembru 1995 dwar l-abbozz tal-formoli meħtieġa għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 (E 201 to E 215) ([2]), adottata mill-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-Sigurtà Soċjali għal ħaddiema li jmorru jaħdmu barra minn pajjiżhom, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 3,23 (Deċiżjoni Nru 130) fl-Anness VI għall-Ftehim:

"– **396 D 0732**: Id-Deċiżjoni Nru 158 tas-27 ta' Novembru 1995 (E 201 sa E 215) (ĠU L 336, tas-27.12.1996, p. 1).".

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni Nru 158 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' April 1998, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Marzu 1998.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO

([1]) ĠU L 134, tas-7.5.1998, p. 11.
([2]) ĠU L 336, tas-27.12.1996, p. 1.